

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Alexandra Loutsou hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 138, 28.3.2022.

---

### Rikors ippreżentat fil-11 ta' Ottubru 2022 – Canalones Castilla vs EUIPO – Canalones Novokanal (Kanali għall-ġbir tal-ilma; kondjuwits)

(Kawża T-329/22)

(2023/C 7/41)

Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol

## Partijiet

Rikorrent: Canalones Castilla, SL (Madrid, Spanja) (rappreżentant: F. J. Serrano Irurzun, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Canalones Novokanal, SL (Madrid, Spanja)

## Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tad-disinn kontenjuż: ir-rikorrenti

Disinn kontenjuż ikkonċernat: disinn Komunitarju (Kanali għall-ġbir tal-ilma; kondjuwits) – Disinn Komunitarju Nru 363 486-0001

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-5 ta' April 2022 fil-Każ R 1122/2021-3

## Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- fil-każ li t-talbiet ta' din il-parti jiġu miċħuda fit-totalità tagħhom, meta tiddeċiedi dwar l-ispejjeż fid-deċiżjoni li ttemm il-proċeduri, tiddeċiedi li l-partijiet l-oħra għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

## Motivi invokati

- L-iżvelar minn qabel tad-disinn ippreżentat mill-applikant għal dikjarazzjoni ta' invalidità ma ġiex stabbilit b'mod suffiċjenti.
- Sussidjarjament, id-disinn ippreżentat mill-applikant għal dikjarazzjoni ta' invalidità bħala disinn preċedenti ma jiproduċix l-istess impressjoni globali bħad-disinn inkwistjoni.
- Sussidjarjament, l-iżvelar kien frawdolenti minħabba li kien abbużiv fir-rigward tad-drittijiet tal-awtur.